**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 575/2021 AGV :**

**Ab**

**-vs-**

**cd**

**Il-Qorti rat ir-Rikors ta' ab datat 24 ta' Novembru 2021, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat illi : -**

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A'.**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel, senjatament ed li twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u li ghaldaqstant ghadu minorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia, li kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. 'B'**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre li huma legalment separati, huma ilhom ukoll separati *de facto* sa mit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ai termini tar-raba (iv) ta' l-imsemmi kuntratt, u jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin.

Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ai termini tar-raba (4) klawsola ta' l-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-minuri, jigi rilevat umilment illi l-manteniment pagabbli ai termini tal-klawsola sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni, flimkien ma' l-ispejjes relattivi qieghdin jithallsu regolarment u ma hemm l-ebda arretrati dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. 'C'.**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex: -

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' cd datata 20 ta' Dicembru 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-parijiet zzewwgu fit- 3 ta' Novembru 2013, u sseparaw legalment minn xulxin, fit- 28 ta' Settembru 2021 u dan skont kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Andre' Farrugia.
2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto mit- 3 ta' Novembru 2017, u ma hemm ebda prospett regnevoli ghal rikonciljazzjoni, u di fatti kull parti kompliet bil-hajja taghha indipendetament mil-parti l-ohra.
3. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin u f' dak li jirrigwarda l-minuri, l-mantenimenti qed jithallas regolarment.

4. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg tal-partijiet, ghandu jigi dikjarat mahlul.

Tant ghandu x' jirriserva l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dil-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**